MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1027/2006/1

**Adelaide Ellul, Edmea mart Michael Calleja, Michael Calleja**
***versus***
**Direttur Ġenerali tal-Qorti, l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon, l-Avukat Anthony Ellul, P.L. Edgar Montanaro, P.L. Marie Claire Bartolo, Alexandra *sive* Sandra Falzon Scerri, Emeric Ellul u Charles *sive* Carmelo Ellul**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Marzu 2009 f'kawża magħmula taħt l-art. 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tattakka taxxa ta' spejjeż ġudizzjarji.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Emanuel Ellul, awtur tal-konvenuta Alexandra Falzon Scerri, kien fetaħ kawża fl-ismijiet Emanuel Ellul *et versus* John Ellul *et* (ċitazzjoni numru 921/1991) kontra l-atturi tallum biex jitlob is-sehem riżervat li jmiss lilu mill-wirt ta' missieru Carmelo Ellul. Biex seta' jagħmel dik it-talba kellu jitlob ukoll il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Carmelo Ellul u martu Adalgisa Ellul, il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Carmelo Ellul u l-likwidazzjoni tas-sehem riżervat.

3. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 2006, il-kawża nqatgħet hekk:

«… … … il-qorti taqta' l-kawża, u tiddisponi mit-talbiet tal-attur, billi … … … tillikwida l-wirt tal-istess Carmelo Ellul billi tgħid illi l-wirt jiswa mija u ħamest elef, seba' mija u tmienja u sittin lira (Lm105,768), u tillikwida s-sehem tal-leġittima li jmiss lill-attur fis-somma ta' tmint elef, tmien mija u erbatax-il lira (Lm8,814); tikkundanna lill-konvenuti Adelaide u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul, iħallsu lill-werrieta tal-attur (billi dan miet waqt li kienet miexja l-kawża) is-somma ta' tmint elef, tmien mija u erbatax-il lira (Lm8,814).

«L-ispejjeż kollha tal-kawża … … … għandhom iħallsuhom il-konvenuti Adelaide u Edmea mart Michael Calleja, aħwa Ellul.»

4. Inħarġet it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji, li nħadmet fuq il-valur tal-wirt kollu u tas-sehem riżervat flimkien, u mhux fuq dak tas-sehem riżervat biss, u l-atturi talllum (konvenuti fil-kawża l-oħra) intalbu jħallsu dawn l-ispejjeż kif kienet tgħid u trid is-sentenza. Billi ma qablux ma' kif ġew intaxxati d-drittijiet u l-ispejjeż, għax jippretendu illi kellhom jiġu intaxxati fuq il-valur tas-sehem riżervat biss, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti tħassar it-taxxa għax "fil-kawżi fejn il-qorti tkun mitluba li tillikwida leġittima u/jew danni it-tassazzjoni tad-drittijiet issir fuq l-ammont li l-istess qorti illikwidat fis-sentenza finali".

5. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2009 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«[Ir-]rikorrenti jikkontendu illi din it-taxxa hija żbaljata in kwantu din ġiet maħduma fuq valur illi ma jirrigwardax it-talba prinċipali tal-kawża li skont huma hija l-likwidazzjoni tal-leġittima, iżda nħadmet ukoll fuq il-valur tal-massa ereditarja tad-*de cujus*.

«… … …

«… … … mis-sentenza nnifisha jirriżulta li hemm diversi talbiet magħmula mill-attur f'dik il-kawża li jinkludu talba *inter alia* talba sabiex tiġi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti ta' Carmelo u Adalgisa Ellul u l-assi ereditarji rispettivi tagħhom. Mill-istess sentenza jirriżulta illi l-qorti illikwidat l-wirt fis-somma ta' Lm 105,768 u illikwidat is-sehem tal-leġittima tal-attur fis-somma ta' Lm 8,814.

«… … …

«… … … sabiex wieħed jasal għall-valutazzjoni tal-leġittima l-ewwel ma trid issir hija l-likwidazzjoni u determinazzjoni tal-assi ereditarji tal-konjuġi Carmelo Ellul u martu, u li wara l-istess assi jiġu maqsuma f'dawk appartenenti rispettivament lil kull wieħed u waħda mill-istess konjuġi, sabiex imbagħad fuq l-istess tinħadem il-leġittima. … … …

«… … …

«Illi f'dan il-każ jidher li t-taxxa kontestata nħadmet *ad valorem* fuq il-valur tal-assi ereditarji ta' Carmelo Ellul u Adalgisa Ellul, u in vista tat-talbiet tar-rikorrenti irid jiġi determinat jekk tali taxxa kellhiex tinħadem *ad valorem* u jekk iva fuq liema valur trid tinħadem. Dwar l-ewwel kweżit ma hemm l-ebda dubju li t-taxxa kellha tinħadem *ad valorem* u dan peress li t-talbiet attriċi ma humiex sempliċi dikjaratorji.

«Illi dwar il-valur li kellu jiġi intaxxat jirriżulta mill-atti tal-istess kawża, inklużi t-talbiet kif proposti, li fil-verità kien hemm diverġenza serja bejn il-kontendenti dwar x'kienu l-assi ereditarji tal-konjuġi Carmelo Ellul u Adalgisa Ellul u għalhekk l-hekk imsejjaħ *quod disputandum* ma kinitx biss il-leġittima iżda wkoll likwidazzjoni tal-assi tal-istess Carmelo Ellul u Adalgisa Ellul, l-assenjazzjoni rispettiva għall-wirt rispettiv, u fl-aħħarnett id-determinazzjoni tal-leġittima. Illi għalhekk il-valur tal-kawża kien jirreferi għall-valur tal-massa ereditarja u ċertament li dan huwa relevantissimu u determinati għall-intaxxar tal-valur tal-istess.

«… … …
«… … … dak kontestat bejn il-partijiet kien proprju fl-ewwel lok u fuq kollox dwar il-valur tal-assi ereditarji tal-konjuġi Carmelo u Adalgisa Ellul, u ovvjament finalment għal-leġittima. Mela allura dak li kien il-*quod disputantum,* determinat anke mit-talbiet attriċi, kien il-valur intier tal-istess assi, u allura t-taxxa kif maħruġa mir-Registratur tal-Qorti nħadmet korrettament fuq il-valur totali tal-istess assi, indikati wkoll u determinati fil-parti dispositiva tas-sentenza fl-ammont hemm indikat ta' Lm 105,768. Ovvjament l-istess valur kellu jintuża kemm għall-finijiet tad-drittijiet tar-Reġistru tal-Qorti u kif ukoll għad-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet u dan peress li ma hemm l-ebda distinzjoni bejn il-paragrafu 3 tat-Tariffa A u paragrafu 13 tat-Tariffa E.
«Illi jingħad illi fil-fatt paragrafu 14 tat-Tariffa E ta' Skeda A jipprovdi illi:-

«"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabilit."
«Illi mbagħad paragrafu 13 jipprovdi l-ammont illi għandu jiġi intaxxat fuq il-valur. Paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Ewwel Skeda jipprovdi *inoltre* illi l-likwidazzjoni tad-dritt dovut lill-avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt din għandha tiġi intaxxata *ad valorem* jekk kemm-il darba jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli. L-istess regolament 3 tat-Tariffa A jirreferi dritt li jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit jew fuq il-valur li jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu u ma hemm imkien l-ebda distinzjoni dwar il-valur tal-kawża għandu tintuża sabiex jiġi kkalkulat id-dritt reġistru u d-dritt tal-avukati … … …

«Illi għalhekk in vista tal-premess din il-qorti tħoss illi t-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż tal-kawża 921/91GCD fl-ismijiet Emanuel Ellul *vs* John Ellul *et* deċiża fit-30 ta' Ġunju 2006 saret korrettement u skont il-liġi.»
6. L-atturi appellaw minn din is-sentenza. Essenzjalment, l-aggravju huwa illi l-kawża li dwarha

nħarġet it-taxxa tad-drittijiet ma kinitx kawża maħsuba biex jinqasam il-wirt iżda biex jinkiseb is-sehem riżervat (leġittima) mill-wirt. Għalhekk id-drittijiet kellhom jiġu intaxxati fuq il-valur tal-leġittima u mhux fuq il-valur kollu tal-wirt. Fi kliemhom, fissru dan l-aggravju hekk:

«Illi l-kawża in kwistjoni ma kinitx fuq il-qsim tal-wirt ta' Carmelo u Adelgisa Ellul imma fuq il-likwidazzjoni tal-leġittima mill-wirt ta' Carmelo u Adelgisa Ellul u għalhekk it-tassazzjoni kellha ssir fuq it-talba principali ossia l-*quod dispuntandum* u *cioè* € 20,531.10 u mhux fuq l-assi kollha ta' Carmelo u Adelgisa Ellul ossia l-valur tagħhom.

«Illi r-Reġistratur tal-Qorti Aldo Testone fl-*affidavit* tiegħu li jinsab inserit fl-atti tal-kawża ammetta li kien hemm żball fit-tassazzjoni tal-kawża, però ippretenda illi l-kawża tal-likwidazzjoni tal-leġittima kienet waħda ta' qsim ta' proprjetà u li għall-fini ta' taxxa kellu jittieħed bħala dritt tar-reġistru l-valur tal-assi, l-hekk imsejjaħ *quod disputandum* fir-rigward id-dritt tal-avukat titqies bhala dikjarazzjoni. Illi Aldo Testone innota illi l-mod kif inħadmet it-taxxa mertu tal-kawża odjerna ma saritx in linea mal-interpretazzjoni fuq mogħtija.

«Illi ma jagħmilx sens għalhekk illi ġjaladarba l-istess Reġistratur tal-Qorti qiegħed isostni illi t-taxxa kif fuq maħduma nħarġet żbaljatament, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet mod ieħor ossia li ħadet il-*quod disputandum* bħala l-valur sħiħ tal-wirt ta' Carmelo u Adalgisa Ellul. Effettivament, il-*quod dispuntandum* m'huwiex il-wirt kollu ta' Carmelo u Adalgisa Ellul imma l-leġittima likwidata u għalhekk ġjaladarba t-tassazzjoni nħadmet fuq € 246,373 imma kellha tinħadem fuq €20,531.10.

«Illi għalhekk kellu jsir dan l-appell għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kkunsidratx erronjament illi l-*quod disputandum* f'dik il-kawża għal-likwidazzjoni tal-leġittima kienet is-somma ta' €20,531.10 u għalhekk kull tassazzjoni sia rigward id-dritt tar-reġistru, kif ukoll dak tal-avukati u tal-prokuraturi legali, m'għandux ikun intassat fuq valur akbar minn daqshekk.

«Illi jkun inġust u inekwu illi tali tassazzjoni ssir fuq il-valur kollu tal-wirt tal-ġenituri ta' Carmelo u Adalgisa Ellul meta dan ma kienx *in ballo* peress illi dak illi kien talab Emanuel Ellul kienet il-likwidazzjoni tal-leġittima dovuta lilu u dak li kien indisputa.

«Illi għalhekk it-tassazzjoni kif magħmula mid-Direttur Ġenerali tal-Qorti m'hijiex korretta u għandha tigi dikjarata nulla u ordnat li jerġa' jagħmilha mill-ġdid u jibbażaha fuq il-*quod disputandum* fuq € 20,531.10 u mhux fuq il-valur tal-wirt kollu ta' Carmelo u Adalgisa Ellul. Il-mejjet Emanuel Ellul ma talabx il-qsim tal-wirt tal-mejta ġenituri tiegħu imma l-likwidazzjoni tal-leġittima dovuta lilu fuq il-wirt tal-mejjet missieru Carmelo Ellul.»

7. Wieġbu wħud mill-konvenuti u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

8. L-*affidavit* ta' Aldo Testone, li fuqu jistrieħu l-atturi appellanti, igħid hekk:

«… … … Il-qorti fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2006 illikwidat kemm l-assi kollha, ammontanti f'Lm 105.768 (il-*quod disputandum*) kif ukoll il-leġittima fl-ammont ta' Lm 8,814 (l-interess tal-attur).

«Illi jidher illi l-kawża kollha odjerna tikkonċerna likwidazzjoni tal-assi sabiex tiġi assenjata lill-attur il-leġittima.

«Illi meta ġiet intaxxata finalment il-kawża ttieħdu in konsiderazzjni ż-żewġ valuri kif deċiżi mill-qorti, u *cioè* l-valur kemm tal-assi ereditarji kif ukoll il-leġittima tal-attur.

«Illi f'dina l-kawża … intalbu diversi dikjarazzjonijiet, illi l-ewwel dikjarazzjoni tinvolvi l-valur dwar l-assi ereditari ta' Carmelo Ellul u martu Adalgisa …, fil-waqt li fil-ħames talba ntalbet il-likwidazzjoni tal-leġittima ta1-attur.

«Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-każ in eżami huwa wieħed ta' qsim ta' proprjetà u li għall-fini ta' taxxa kellu jittieħed bħala dritt tar-reġistru l-valur tal-assi l-hekk

imsejjaħ *quod disputantum* fil-waqt li fir-rigward tad-dritt tal-avukat titqies bħala dikjarazzjoni,

«Għaldaqstant, 1-esponent ulterjorment jissottometti illi f'dan il-każ it-taxxa kellha tinħadem hekk:

| | « | Reġ[istru] | Avukat |
|---|---|---|---|
| «1. | l-assi tal-wirt kollu ġjà eżistenti bejn Carmelo Ellul u martu Adalgisa (Lm 105.768) | 1412 | 100 |
| «2. | liema akkwisti jiġu maqsuma f'żewg porzjonijiet ugwali | 0 | 20 |
| «3. | li jitqassmu l-assi ereditarju ta' Carmelo Ellul u l-oħra lill-assi ereditarju ta' Adalgisa Ellul | 0 | 20 |
| «4. | jiġi dikjarat li l-kuntratti tat-18 ta' Lulju 1977 u tat-30 ta' Jannar 1978 huma nulli u bla effett | 0 | 20 |
| «5. | tiġi likwidata l-leġittima spettanti lill-attur (Lm 8,814) | 0 | 278 |
| «6. | il-konvenuti jittrasferixxu lill-attur il-legittima spettanti lilu | 0 | 20 |
| «7. | jiġi maħtur Nutar sabiex jippublika l-att relattiv ta' trasferiment tal-leġittima favur l-attur | 0 | 20 |
| «Total | 1412 | 478 | |

«Illi l-esponent jinnota illi l-mod kif inħadmet it-taxxa meritu tal-kawża odjerna ma saritx in linea mal-interpretazzjoni fuq mogħtija.»

9. Naturalment, din l-istqarrija titqies bħal kull xiehda oħra, billi l-fehma tar-reġistratur f'kawża bħal dik tallum ma torbotx lill-qorti.

10. L-ewwel kwistjoni hija jekk id-drittijiet tar-reġistru u tal-avukat jinħadmux it-tnejn *ad valorem*, kif tgħid is-sentenza appellata, jew jekk jinħadimx *ad valorem* id-dritt tar-reġistru biss waqt illi d-dritt tal-avukati jinħadem bħala dikjarazzjoni, kif igħid Aldo Testone. It-tieni kwistjoni, fil-każ illi d-dritt kemm tar-reġistru u kemm tal-avukat jinħadem *ad valorem*, hija jekk jinħadimx fuq il-valur totali tal-assi biss, jew fuq il-valur tal-leġittima biss jew fuq il-valur kemm tal-assi u kemm tal-leġittima flimkien.

11. Dwar l-ewwel kwistjoni – jekk id-dritt tal-avukat jinħadimx *ad valorem* jew bħala dikjarazzjoni – il-para. 14 tat-Tariffa E mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar drittijiet tal-avukat jagħmilha ċara illi din id-distinzjoni ma teżistix għax fil-każ ta' "dikjarazzjoni li

jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat … fuq il-valur hekk stabilit". Mela, ukoll jekk deċiżjoni titqies "dikjarazzjoni", xorta tiġi intaxxata fuq il-valur.

12. Dwar jekk it-taxxa tinħadimx fuq il-valur kollu tal-assi ereditarju jew biss fuq il-leġittima jew fuq it-tnejn flimkien, il-qorti tosserva illi, effettivament, kawża għall-ħlas tas-sehem riżervat hija kawża għall-qsim ta' proprjetà ġejja minn wirt – jekk is-sehem tal-attur huwiex ġej minn testment jew *ab intestato* jew huwiex sehem riżervat huwa indifferenti. Għalhekk id-dritt tal-avukat jinħadem fuq il-valur totali tal-assi, kif igħid u jrid il-para. 16 tat-Tariffa E:

«**16.** F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss *ad valorem* … fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma – iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà *causa mortis* dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet … … …»

13. L-istess prinċipju jgħodd fil-każ tad-dritt tar-reġistru, kif jixhed il-para. 4(1)(*b*) moqri mal-para. 4(3) tat-Tariffa A.

14. Id-dritt tar-reġistru u tal-avukat għalhekk kellu jinħadem fuq il-valur totali tal-assi tal-wirt kif muri fl-iskeda mehmuża ma' din is-sentenza.

15. Fil-każ tallum jidher illi d-dritt inħadem kemm fuq il-valur totali tal-assi u kemm fuq il-valur tas-sehem riżervat, magħduda flimkien. Dan huwa ħażin, għax kellu jiġi intaxxat biss dritt wieħed *ad valorem* fuq il-valur totali tal-assi. Huwa għalhekk il-każ illi t-taxxa tinħadem mill-ġdid.

16. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tħassar ukoll it-taxxa tad-drittijiet tal-kawża fl-ismijiet <u>Emanuel Ellul *et versus* John Ellul *et*</u> (ċitazzjoni numru 921/1991) u tordna illi t-taxxa tinħadem mill-ġdid billi jiġi intaxxat biss dritt wieħed *ad valorem* fuq il-valur totali tal-assi kemm fil-każ tad-dritt tar-reġistru u kemm fil-każ tad-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali.

17. Billi l-atturi kienu qegħdin jippretendu illi d-dritt jinħadem biss fuq il-valur tas-sehem riżervat, huwa xieraq

illi jbatu sehem mill-ispejjeż tal-kawża tallum. Id-Direttur Ġenerali tal-Qrati wkoll għandu jbati sehem għax l-iżball oriġinali kien tiegħu, u l-konvenuti l-oħra flimkien ukoll għandhom ibatu sehem billi irreżistew it-talba *in parte* ġustifikata tal-atturi. L-ispejjeż tal-kawża tallum għalhekk għandhom jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) iħallsuh l-atturi, sehem minn tlieta (⅓) jħallsu d-Direttur Ġenerali tal-Qrati, u s-sehem li jifdal minn tlieta (⅓) jħallsuh il-konvenuti l-oħra flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
Ld

Skeda mas-sentenza *in re* Adelaide Ellul *et versus* Direttur Ġenerali tal-Qorti *et* (rikors numru 1027/2006)

Dritt tar-reġistru (Tariffa A, para. 3)

| | Lm | € |
|---|---|---|
| fuq l-ewwel Lm3,000 | 105.00 | 244.58 |
| fuq l-Lm2,000 li jmiss (sa Lm5,000) | 50.00 | 116.47 |
| fuq il-Lm5,000 li jmiss (sa Lm10,000) | 112.50 | 262.05 |
| fuq l-Lm40,000 li jmiss (sa Lm50,000) | 600.00 | 1,397.62 |
| fuq il-Lm50,000 li jmiss (sa Lm100,000) | 500.00 | 1,164.69 |
| fuq il-Lm5,768 li jmiss (sa Lm105,768) | 43.50 | 101.33 |
| B'kollox | 1,411.00 | 3,286.75 |

Dritt tal-avukat (Tariffa E, para. 13)

| | Lm | € |
|---|---|---|
| fuq l-ewwel Lm500 | 50.00 | 116.47 |
| fuq id-Lm9,500 li jmiss (sa Lm10,000) | 285.00 | 663.87 |

| | | |
|---|---|---|
| fuq il-Lm95,768 li jmiss (sa Lm105,768) | 960.00 | 2,236.20 |
| B'kollox | 1,295.00 | 3,016.54 |

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------